KLR 22/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 28 t'April, 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, Il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone u Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA: Il-membru Maria Portelli.

**22.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**22.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.2.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li tneħħew il-bozoz u l-*wires* li ma baqgħux jintużaw u li kienu mas-siġar ta' Pjazza Indipendenza. Tpoġġa dawl LED ġdid maċ-ċinta tal-Banca Giuratale peress li kien inħaraq. Ġie suġġerit li tinġab stima għall-dawl ġdid li jagħti fuq il-pilastri tal-Banca Giuratale.

22.2.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li min-naħa tal-*Community Traineeship Scheme* qed isir tindif ġenerali fir-Rabat. Din l-iskema qed titmexxa mill-FSWS. S'issa sar tindif fi Triq Wied Sara, Pjazza Santu Wistin, fit-toroq taċ-Ċentru tar-Rabat u Pjazza Indipendenza.

22.2.3 It-Tlieta 20 t'April 2021 saret it-tieni laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija, Joseph Hersey fejn fost oħrajn ġew diskussi aktar preżenza tal-Pulizija fir-Rabat, kemm bil-mixi, bil-karozza u kemm bis-*segway*, il-*bodycams* li ser jiġu ntrodotti lill-Pulizija minn Novembru li ġej u l- *Community Policing*.

Inġibdet l-attenzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' distanza li jkun hemm bejn in-nies li jkunu fil-kju sabiex jinqdew mill-banek ta' Triq Repubblika, ir-*roundabout* tat-tarf ta' Triq Gedrin, parkeġġ illegali fit-toroq Santa Martha u Muniċipju Ruman. Issemmiet ukoll gallarija perikoluża fi Triq Agius De Soldanis kantuniera ma Triq is-Suq. Mid-dehra din tinsab f'post tal-Gvern u wkoll għandu xi kas il-Qorti.

22.2.4 Dwar l-inizjattiva WIFI4EU intbagħat aġġornament fuq is-sitwazzjoni fil-preżent. Sfortunatament ma ntlaħaqx ftehim konkret u għaldaqstant għad ma nstabx kuntrattur biex tali proġett jiġi implimentat. Ġiet approvata estensjoni ta' sitt xhur u l-vawċers tal-ewwel sejħa ser jibqgħu validi sal-aħħar ta' Settembru 2021. Il-Kunsilli li applikaw intalbu jagħżlu jekk iħallux id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-proġett kollu skont ir-rekwiżiti tal-EU u timplimenta l-proġett b'mod ħolistiku f'isimhom jew inkella jissieħbu ma' Kunsilli oħra u joħorġu l-offerta bejniethom. Il-membri qablu ma l-ewwel alternattiva;

22.2.5 Rigward l-iSkema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021, il-membri ġew mgħarrfa li ser issir laqgħa mad-Direttur tal-Oratorju Don Bosco, s-Sindku, l-membru Ħili u s-Segretarju Eżekuttiv.

22.2.6 Il-membri ġew mgħarrfa li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022, SPI/SCI/8/2020.

**22.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

22.3.1 Tressqet il-pjanta proposta minn Eko-Għawdex fir-rigward tal-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Inġibdet l-attenzjoni li fil-pjanta ma jidhirx li se jkun hemm garaxx għall-użu tal-Kunsill. Il-membri qablu li Eko-Għawdex għandha tiġi mitluba li jiġi maħsub għal dan il-garaxx anke' kif kien ġie komunikat lill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri waqt laqgħa li l-Kunsill kellu miegħu fis-7 ta' Ottubru 2020.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

22.3.2 Ambjent Malta – Environmental Projects. Il-Kunsill intalab jindika *soft areas* fejn fihom jistgħu jiġu mħawla xtieli ta' fjuri staġjonali u li m'għandux kuntrattur jieħu ħsieb dawn il-postijiet. Il-Kunsill indika s-*soft areas* taċ-Ċawla H.E. u ser jindika s-*soft areas* tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-Bus Terminus u l-belvedere ta' Qasam San Ġorġ;

22.3.3 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fir-rigward:-
i) ta' SPI.SCI.2.2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex;
ii) SPI.SCI.4.2021 - tal-korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Dipartiment għar-Riċerka, Tgħalim tul il-Ħajja;
iii) tal-approvazzjoni tat-tismija ta' Triq id-Donaturi tad-Demm fit-telgħa tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

22.3.4 Simon Gatt, Projects Manager għall-S.K.Victoria Wanderers li ser jibdew il-proġett tal-bini tal-klabb fi Triq taħt Putirjal. Intalab il-permess tal-Kunsill sabiex jinqalgħu żewġ railings, bieb u kolonna li jagħmlu parti mill-*playing field* biex jinbeda l-bini. Intalab ukoll li ssir rampa tat-trab fuq it-taraġ għal ġos-sit. Minħabba siġurta ser jinbena ħajt tul il-playing field sabiex waqt ix-xoħgol ma jidħlus terzi fis-sit. S.K. Victoria Wanderers qed jintrabtu li l-affarijiet jerġgħu jitħallew kif inhuma qabel jinbeda x-xogħol u jekk issir xi ħsara, din titranġa minn naħa tagħhom. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

22.3.5 Dun Geoffrey G. Attard fejn issuġġerixxxa lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li tingħata l-Onorefiċenza – Ġieħ il-Belt Victoria lill-Mons. Feliċ Tabone li ilu jaqdi dmiru bħala vigarju parrokjali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ għal 42 sena kif ukoll lil Mons, Ġużeppi Gauci li jaqdi missjoni simili fil-Parroċċa tal-Knisja Katidrali u li wkoll ilu snin kbar f'dan il-ministeru. Il-membri qablu li fil-laqgħa li jmiss din il-materja tiġi diskussa wara li titpoġġa fuq l-aġenda.

22.3.6 George Cefai li talab biex titranġa l-bankina ta' quddiem il-propjeta' tiegħu fi Triq Sette Giugno. Il-membri qablu;

22.3.7 Sonia Gatt Borg li talbet biex titranġa l-bankina quddiem propjeta' tagħha, 23, Triq San Duminku. Il-membri qablu;

22.3.8 Joseph Grima li talab sabiex jużа parti żgħira mill-foss taċ-Ċittadella sabiex isir training personali. Il-Kunsill ma jikrix il-postijiet pubbliċi li jieħu ħsieb.

**22.4 '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo*.' LCF/16/2020 – *update***

22.4.1 Dwar dan il-proġett il-membri ġew mgħarrfa li nħarġet l-offerta VLC/03/2021 – Provvista, konsenja, installazzjoni, ittestjar u kkumissjonar ta' dawl dekorattiv għal toroq antiki fiċ-Ċentru tal-Belt u fi Pjazza San Ġorġ.

22.4.2 Minn naħħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar inħareġ l-ammont ta' €58,311.27 bħala 30% mill-ammont globali li jinħareġ malli ġie ffirmat il-kuntratt.

22.4.3 Fir-rigward ta' konsum ta' dawl il-membri ġew mgħarrfa li s-sistema ta' dawl preżenti qed tuża (70W, SON) – 6.65kW u s-sistema tad-dawl kif qed tiġi proposta ser tuża (35W, LED) – 3.29kW.

**22.5 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) approvat:-

22.5.1 *traffic mirror* fi Triq Kerċem faċċata ta' sit ta' kostruzzjoni;

22.5.2 *bus stop* ġdida fi Triq Papa Ġwanni Pawli II;

22.5.3 *double yellow line* quddiem taraġ/entratura ta' djar residenzjali fi Triq Santa Dminka.

Intalab permess għall-

22.5.4 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Doris Azzopardi, Blk HB, Flat 7, Triq taċ-Ċawla. Għandha timtela l-formola rikjesta;

22.5.5 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Pauline Xerri, 18. Govt. H.E. Triq it-Tabib Anton Tabone. Għandha timtela l-formola rikjesta;

22.5.6 un/laoding bay faċċata ta' Xerri's Garden Centre & Nursery fi Triq Dawwara.

22.5.7 Dwar Triq Wistin Camilleri l-Kunsill qabel li jiġi suġġerit lill-TM sabiex minflok road humps isiru miżuri ta' *traffic calming* bħal *road markings* u tabelli li jindikaw l-ispeed limit li hu addattat għal din it-triq.

**22.6 Offerta – Tindif ta' latrini pubbliċi**

Tressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni. Skont dan ir-rapport Jason Farrugia għandu jieħu din l-offerta. Il-membi qablu mal-parir tal-bord.

**22.7 Skrivan ġdid *full-time Scale 15 back-to-back***

Tressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għażla fir-rigward tal-ingaġġ ta' skrivan ġdid *full-time Scale 15 back-to-back*. Il-Bord kien magħmul mis-Sindku Josef Schembri – Chairman, membri tal-bord – il-Kunsilliera Joseph Debincat u Marcell Tabone u segretarja tal-bord – is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard. Fuq parir ta' dan il-bord, Paul Grech hu l-iktar perusna addatata għal dan il-post. Il-kunsill qabel li s-Sur Grech jiġi ngaġġat mill-1 ta' Mejju 2021. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u JobsPlus għandhom jiġu nfurmati bid-deċiżjoni.

***22.8*** **Skema *Outdoor Gym Equipment***

Wara li ġew evalwati l-prezzijiet offruti l-membri qablu li l-*equipment* jinxtara mingħand Gokker Ltd. Dokument A juri dawn il-prezzijiet.

**22.9 Xogħlijiet tal-Kunsill**

22.9.1 L-offerta (VLC/02/2021) għar-restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Knisja ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar għalqet fl-14 t'April 2021. Intefgħet offerta waħda minn Stefano Sferrazzo. Il-membri qablu li l-bord ta' aġġudikazjoni jkun kompost minn William Sultana, Fabian Galea, l-*Accountant* Daniel Galea, l-Perit Roberta Attard bħala membri u Miriam Attard Segretarju tal-Bord.

22.9.2 Tressqet stima mingħand il-Perit Mario Cordina għall-bini ta' Triq is-Sellum (il-parti tar-Rabat). L-istima tammonta għall-€85.998.85. Din mingħajr ix-xogħolijiet tal-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma, GO u Melita. Billi l-Kunsill m'għandux fondi għal dan ix-xogħol, il-membri qablu li din tintbagħat lill-Eko-Għawdex sabiex jiġi kkunsidrat li jsir minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

**22.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2021 skond dokument B anness.

**22.11 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

jinxtraw żewġ bankijiet għall-sqaq fi Triq Karita' u jinbidel il-bank li hemm fi Triq Republika kantuniera ma Strada Palma. Għandhom jitrnaġaw il-bankijiet ta' fejn San Ġorġ tal-Ħaġar;

**22.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 31 ta'Mejju 2021, fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |